**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**
**MAĠISTRAT DR. LEONARD CARUANA LL.D., M.A. (FIN. SERV)**
CHAIRPERSON

Rikors Nru: 1068/2021 LC

**ANGELO CASSAR (K.I. 312444M)**
**PAUL CASSAR (K.I. 247247M)**
**GREZZJU CASSAR (K.I. 991345M)**
**MARY ROSE CASSAR (K.I. 35361M)**
**JANE BUSUTTIL (K.I. 80662M)**
**MARIA ROSARIA ZARB (K.I. 877248M)**
**OMISSIS**

*vs*

**MARIA DOLORES MALLIA (K.I. 41741M)**
***OMISSIS***
**U**
**L-AWTORITA' TAD-DJAR**
**(BĦALA AMICUS CURIAE)**

**Illum, 26 ta' Settembru, 2022**

Il-Bord,

Ra r-rikors ta' Angelo Cassar, Paul Cassar, Grezzju Cassar, Mary Rose Cassar, Jane Busuttil, Maria Rosaria Zarb u Omissis fejn, għar-raġunijiet hemm premessi u infraskritti, talbet lil dan il-Bord sabiex:

I. Jiddikjara u jiddeċiedi illi l-intimati huma l-inkwilini tal-fond bin-numru 169, bl-isem ta' 'Faith' ġia "Saltna", Triq il-Vitorja, Qormi, ai termini tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta;

II. Jordna li jitwettaq it-Test tal-Mezzi tal-inkwilini li għandu jkun ibbażat fuq it-test tal-mezzi stabbilit fir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kiri (Kriterji tat-Test tal-Mezzi maħruġa taħt l-Artikolu 1622A tal-Kodiċi Ċivili) u kwalunkwe regolamenti li jistgħu minn żmien għal żmien jissostitwuhom, liema test għandu jkun ibbażat fuq id-dħul tal-inkwilini bejn l-1 ta' Jannar tas-sena 2020 u l-31 ta' Diċembru 2020, u fuq il-kapital tal-kerrej fil-31 ta' Diċembru tas-sena 2020 u fuq kapital tal-inkwilini fil-31 ta' Diċembru tas-sena 2020.

III. Jiddikkjara u jiddeċiedi illi ai termini tal-Att XXIV tal-2021, il-kera għandha tiġi riveduta b'effett mill-1 ta' Jannar tas-sena 2021, għall-ammont li ma jeċċedix it-2% fil-mija fis-sena tal-valur liberu u frank tas-suq miftuħ tal-fond bin-numru 169, bl-isem ta' 'Faith' ġia "Saltna", Triq il-Vitorja, Qormi, fl-1 ta' Jannar tas-sena 2021, u sabiex jiġu stabbiliti kundizzjonijiet ġodda fir-rigward tal-kera u fin-nuqqas, jekk l-intimati ma jissodisfawx il-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi, l-intimati jiġu permessi żmien ta' sentejn sabiex il-fond jiġi vakat, oltrè li jħallsu kumpens pagabbli lir-rikorrenti għall-okupazzjoni tal-fond matul l-imsemmi perjodu li għandu jiġi determinat minn dan il-Bord skont l-Artikolu 4A(4) tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta.

IV. Jordna, f'każ illi l-intimati Mallia ma jissodisfawx il-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi, l-

iżgumbrament tal-istess intimati fi żmien sentejn (2) mis-sentenza sabiex il-fond jiġi vakat.

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-intimati għas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-intimati Maria Dolores Mallia u *omissis* sommarjament, eċċepew fost l-oħrajn li (i) Omissis m'huwiex leġittimu kontradittur u dan stante li m'hemm ebda relazzjoni bejnu u bejn ir-rikorrenti; (ii) l-materja in kwistjoni hija wkoll il-mertu tar-rikors kostituzzjonali numru 824/2021 JVC fl-ismijiet *Angelo Cassar vs Maria Dolore Mallia et*; (iii) l-esponenti jokkupaw il-fond *de quo* b'titolu validu ta' kera; (iv) l-esponenti dejjem aġixxew skont il-liġi u obdew skrupolożament mal-kondizzjonijiet tal-kera; (v) l-esponenti għamlu diversi benefikati fil-fond *de quo* (vi) l-esponenti qed igawdu d-drittijiet tagħhom fuq il-propjetà de quo b'titolu ta' kera ai termini tal-liġi; (vi) il-liġi tistipola l-massimu ta' tnejn fil-mija (2%) u fil-fehma tagħhom ma jissussistux raġunijiet biżżejjed biex jingħata l-massimu fil-każ;

Ra r-risposta tal-Awtorità tad-Djar fejn sommarjament, eċċepiet, fost l-oħrajn li (i) l-atturi jeħtieġlhom jipprovaw it-titolu tagħhom u li waħedhom huma s-sidien uniċi tal-fond; (ii) l-atturi għandhom jipproduċu u jeżebixxu d-dikkjarazzjonijiet *causa mortis* tad-defunti awturi tagħhom; (iii) il-Bord għandu jikkostata jekk l-Att XXIV tal-2021 huwiex applikabbli għall-każ *de quo* (iv) peress li l-Awtorità hija intervenuta fil-kawża ai termini tal-liġi, hija m'għandhiex tbati l-ispejjeż tal-preżenti u (v) f'każ li l-inkwilin jissodisfa it-test tal-mezzi, il-kera għandha tiġi ffissata f'ammont ta' mhux aktar minn 2% tal-valur tal-propjetà skont il-liġi.

Ra illi in ottemporanza mad-digriet ta' dan il-Bord tal-20 ta' Jannar, 2022, l-intimati wettqu t-test tal-mezzi ai termini tar-Regolamenti

dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) (Avviż Legali 463 tal-2011).

Ra illi waqt is-seduta tal-25 ta' Mejju 2022, ir-rikorrenti ċediet l-atti odjerni limitatament fir-rigward ta' *omissis.*

Ra illi l-Periti Membri tal-Bord, senjatament il-Perit Mark Camilleri u l-Perit Mario Cassar ippreżentaw ir-relazzjoni tagħhom;

Ra id-dokumenti kollha eżebiti;

Ikkonsidra;

Illi l-kawża odjerna qegħda ssir ai termini tal-Artikolu 4A tal-Kap 69 tal-Liġijiet ta' Malta, liema Artikolu jagħti l-fakoltà lis-sid tal-kera jadixxi lil dan il-Bord u jitlob żieda fil-kera li ma teċċedix it-2% fis-sena tal-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tad-dar ta' abitazzjoni, purchè li d-diversi kriterji hemm imsemmija jiġu sodisfatti;

Ikkonsidrat;

Illi l-ewwel żewġ kriterji li dan il-Bord jinneċessita jistabbilixxi qabel ma jipproċedi ulterjorment huma jekk (i) ir-rikorrenti humiex is-sidien tal-kera tal-fond in kwistjoni u (ii) jekk l-intimata hijiex l-inkwilina ta' dan l-istess fond.

Illi l-fond *de quo* kien akkwistat mid-*dante causa* tar-rikorrenti, senjatament, Felic Cassar permezz ta' kuntratt ta' kompro-vendita ippublikat min-Nutar Dottor Joseph Felix Abela fil-25 ta' Ġunju 1964.[1] Illi jirriżulta li fit-30 ta' Settembru 1984, l-imsemmi Feliċ Cassar ikkonċeda l-fond *de quo* lil Edward Mallia, b'titolu ta'

[1] Ara dok A a fol. 5 tal-atti proċesswali.

lokazzjoni.[2] Jirriżulta li Felic Cassar ġie nieqes fil-21 ta' Ottubru 1993[3] u permezz ta' l-att ta' dikkjarazzjoni *causa mortis* ippublikat min-Nutar Dottor Antoine Agius fis-7 ta' Jannar 1994, il-fond de quo ddevolva fuq Maria Cassar, Angelo Cassar, Grazio Cassar, Paul Cassar u Mary Rose Zarb.[4] Illi l-imsemmija Maria Cassar ġiet nieqsa fl-04 ta' Mejju 2004[5] u wirtuha ulieda Mary Rose Cassar u Jane Busuttil.[6]

Illi ma tressqet ebda prova li tikkontradiċi jew b'xi mod tinnega dan l-istat ta' fatt u għalhekk abbażi tal-istess atti, il-Bord huwa sodisfatt illi r-rikorrenti huma s-sidien tal-kera tal-fond in kwistjoni.

Ikkonsidra;

Illi fil-mori tal-kawża, r-rikorrenti ppreżentaw riċevuti tal-kera tal-fond *de quo* datati bejn is-17 ta' Jannar 1994 u s-7 ta' Lulju 2021.[7] Illi di più, fir-risposta tagħha, Maria Dolores Mallia tiddikjara illi hija l-inkiwlina tal-fond *de quo* u li tokkupaħ b'titolu validu ta' kera.

Illi fid-dawl ta dawn id-dikjarazzjonijiet, kif ukoll tal-irċevuti ta' kera ppreżenati mir-rikorrenti, il-Bord huwa sodisfatt li l-intimata Maria Dolores Mallia hija effettivament l-inkiwlina tal-fond *de quo*

Ikkonsidra;

Illi mid-dokumenti preżentati fir-rigward tat-test tal-mezzi jirriżulta illi d-dħul tal-intimata Maria Dolores Mallia ikkalkolat ai termini tar-Regolamenti 3(a), tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi), **ma jaqbiżx** dak stipolat mir-Regolament 5(7) tal-istess Regolamenti. Għar-rigward tal-kapital tal-intimata, kkalkolat ai termini tar-Regolamenti 3(b) tar-Regolamenti dwar it-

[2] Ara Dok "A" a fol. 66 tal-atti proċesswali.
[3] Ara Dok "C" a fol 96 tal-atti proċesswali.
[4] Ara Dok "E2" a fol 106 tal-atti proċesswali.
[5] Ara Dok "F" a fol 108 tal-atti proċesswali.
[6] Ara Dok "H" a fol. 113 tal-atti proċesswali.
[7] Ara Dok "B" a fol. 67 et seq tal-atti proċesswali.

Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi), jirriżulta li **lanqas dan ma jaqbeż** dak stipolat mir-Regolament 6(6) tar-Regolamenti msemmija.

B'hekk, il-Bord qiegħed isib illi l-intimata Maria Dolores Mallia ma jeċċedix il-kriterji stabbiliti bir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) u konsegwentement tissodisfa l-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi ai termini tal-Artikolu 4A (5) tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta. B'hekk, m'hemmx lok għall-applikazzjoni tal-Artikolu 4A (4) tal-istess Kap.

Ikkonsidra;

Illi mir-rapport redatt mil-Periti tal-Bord jirriżulta illi l-fond in kwistjoni jinsab f'kantuniera, fl-ewwel sular. Huwa sovrastanti propjetà ta' terzi u għandu l-arja tiegħu. Il-fond jinsab f'kondizzjoni adegwata u miżmum tajjeb. Il-post huwa arjuż u mdawwal. Il-fond jeħtieġ immodernizzar għall-ħtiġijiet tal-lum u huwa mgħammar bis-servizzi tal-elettriku, ilma u drenaġġ.

Illi l-periti tal-Bord, wara li kkonsidraw l-istat ta' manutensjoni, finituri kif ukoll il-kondizzjoni ġenerali tal-fond, huma tal-fehma illi l-valur preżenti tas-suq liberu u frank jammonta għal mija u ħamsa u tmenin elf Ewro (€185,000).

Ikkonsidra;

Illi fl-ikkalibrar tal-awment tal-kera kif mitluba mir-rikorrenti, dan il-Bord ser iżomm quddiem għajnejh dak mgħallem mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Carmelo sive Charles Caruana et vs Lorenza Vincenza sive Lora Zarb**[8]**,** fejn analiżżat l-għan tal-emendi

[8] **Carmelo sive Charles Caruana et vs Lorenza Vincenza sive Lora Zarb**, Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), 3 ta' Frar 2021, (Appell Nru 126/2018/LM).

introdotti bl-Att XXVII tal-2018 (u kwindi anke dawk introdotti bl-Att XXIV tal-2021), fejn irrietniet illi:

> *"il-Qorti tikkonkludi li d-dħul fis-seħħ ta' dawn l-emendi fil-liġi kienu maħsuba biex jindirizzaw u joħolqu bilanċ bejn il-jeddijiet tas-sidien li altrimenti kienu ser jibqgħu jirċievu ħlas ta' kera irriżorju għall-proprjetà tagħhom wara li ilhom imċaħħda minnha snin, u l-jeddijiet tal-inkwilini li jibqgħu jgħixu fid-dar li ilhom snin jagħrfu bħala r-residenza ordinarja tagħhom"*

Illi tenut kont ta dak kollu appena espost, il-Bord jemmen li l-awment fil-kera għandu jkun fl-ammont ta' 2% tal-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tal-fond *de quo.*

Dan ifisser li l-kera għandha togħla għal-ammont ta' tlett elef u seba' mitt ewro (€3,700) fis-sena.

**Deċide:**

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, il-Bord qiegħed jiddisponi mit-talbiet tar-rikorrenti billi:

1. Jilqa' l-ewwel talba u jiddikjara illi l-intimata Maria Dolores Mallia hija l-inkwilina tal-fond bin-numru 169, bl-isem ta' "Faith", ġja "Saltna", Triq il-Vitorja, Qormi ai termini tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Jastjeni milli jieħu konjizzjoni tat-tieni talba stante illi t-test tal-mezzi twettaq waqt l-andament tal-proċeduri odjerni.

3. Jilqa' t-tielet talba u jordna illi l-kera tal-fond bin-numru 169, bl-isem ta' "Faith", ġja "Saltna", Triq il-Vitorja, Qormi għandha

tiġi riveduta għall-ammont ta' 2% tal-valur tal-fond fis-suq miftuħ fl-1 ta' Jannar 2021 u konsegwentement jawmenta l-kera pagabbli mill-intimata Maria Dolores Mallia għall-ammont ta' tlett elef u sebta' mitt ewro (€3,700) fis-sena u jordna lill-istess intimata Maria Dolores Mallia tħallas lir-rikorrenti *in solidum* il-kera hekk awmentata b'effett mil-lum, bħala d-data tas-sentenza.

4. Jiċħad ir-raba' talba stante illi l-intimata tissodisfa it-test tal-mezzi.

5. Jiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimata u tal-Awtorità intervenuta sa fejn dawn huma inkompatibbli ma' dak li ġie deċiż hawn fuq.

Kull parti għandha tbati l-ispejjez tagħha ta' dawn il-proċeduri.

**Ft.Dr. Leonard Caruana**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**